II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-28 ta' Novembru 2008**

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Kongo, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, ir-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi, ir-Repubblika Kooperattiva ta' Gujana, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, ir-Repubblika ta' Surinam, ir-Renju ta' Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja u r-Repubblika taż-Żimbabwe dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perijodi ta' konsenja 2006/2007, 2007/2008, 2008/2009 u mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009 u dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-istess perijodi ta' konsenja**

(2009/574/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-implimentazzjoni tal-Protokoll 3 dwar iz-Zokkor AKP mehmuż mal-Anness V għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ([1]) u tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar iz-zokkor tal-kannamieli ([2]) titwettaq, skont l-Artikolu 1(2) ta' kull Ftehim, fiil-qafas tal-ġestjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor.

(2) Huwa xieraq li jiġu approvati l-Istrumenti ta' Ftehim fil-forma ta' Skambji ta' Ittri bejn il-Komunità u, minn naħa waħda, l-Istati msemmija fil-Protokoll u, min-naħa l-oħra, ir-Repubblika tal-Indja dwar il-prezzijiet garantiti taz-zokkor tal-kannamieli għall-perijodi ta' konsenja 2006/2007, 2007/2008, 2008/2009 u mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Kongo, ir-Repubblika tal-Côte d'Ivoire, ir-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi, ir-Repubblika Kooperattiva ta' Gujana, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Malawi, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, ir-Repubblika ta' Surinam, ir-Renju ta' Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja u r-Repubblika taż-Żimbabwe dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perijodi ta' konsenja 2006/2007, 2007/2008, 2008/2009 u mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009, l-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Indja dwar il-prezzijiet garantiti għaz-zokkor tal-kannamieli għall-perijodi ta' konsenja 2006/2007, 2007/2008, 2008/2009 u mill-1 ta' Lulju 2009 sat-30 ta' Settembru 2009, b'dan qed jiġu approvati f'isem il-Komunità.

It-testi ta' dawn l-Istrumenti ta' Ftehim huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.
([2]) ĠU L 190, 23.7.1975, p. 35.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna/i li jkollha/hom s-setgħa li tiffirma/jiffirmaw l-Istrumenti ta' Ftehim imsemmija fl-Artikolu 1 sabiex torbot lill-Komunità.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
M. BARNIER